



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10229/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0191(NLE)

ENER 304

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 293 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza Straordinarja tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fl-24 ta' Ġunju 2022

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 293 final.

Mehmuż: COM(2022) 293 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2022
COM(2022) 293 final

2022/0191 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza
Straordinarja tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fl-24 ta' Ġunju 2022**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċizzjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Konferenza Straordinarja tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fl-24 ta' Ġunju 2022 fi Brussell b'diversi atti li għandhom jiġu adottati relatati ma' dan li ġej: (i) l-emendar tar-Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija, (ii) l-irtirar tal-Istatus tal-Federazzjoni Russa bħala Osservatur tal-Konferenza, u (iii) is-sospensjoni tal-applikazzjoni proviżorja tat-TKE fir-rigward tal-Belarussja u s-sospensjoni tal-Belarussja bħala Osservatur tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "TKE").

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE)

It-TKE huwa ftehim multilaterali għall-kummerċ u l-investment applikabbli għas-settur tal-enerġija, li ġie ffirmat mill-UE f'Diċembru 1994 u daħal fis-seħħ f'April 1998. It-Trattat jikkonsisti f'dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investimenti, il-kummerċ fil-materjali u l-prodotti tal-enerġija, it-tranżitu u s-soluzzjoni ta' tilwim. It-TKE jistabbilixxi wkoll qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-55 Parti Kontraenti (inklużi l-UE u l-EURATOM, 27 Stat Membru tal-UE¹, il-Ġappun, l-Iżvizzera, it-Turkija, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ta' dik li qabel kienet l-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi (USSR)², ħliet għall-Federazzjoni Russa u xi pajjiżi fil-Balkani tal-Punent).

Oriġinarjament it-TKE ġie stabbilit bħala qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pajjiżi Ewropej u pajjiżi industrijalizzati oħra bl-għan li jiġi żviluppat il-potenzjal tal-enerġija tal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija għall-UE.

Id-dispożizzjonijiet ewlenin tat-Trattat jikkonċernaw il-protezzjoni tal-investimenti, il-kummerċ ta' materjali u prodotti tal-enerġija, it-tranżitu u s-soluzzjoni ta' tilwim.

L-Istati jew l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika kollha li ffirmaw jew aderixxew mat-Trattat huma membri tal-Konferenza, li tiltaqa' fuq bażi regolari biex tiddiskuti kwistjonijiet li jaffettwaw il-kooperazzjoni fl-enerġija fost il-firmatarji tat-Trattat, biex tirrevedi l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u Aspetti Ambjentali Relatati, u biex tikkunsidra strumenti ġodda possibbli u attivitajiet konġunti fi ħdan il-qafas tal-Karta tal-Enerġija.

¹ L-Italja kienet Parti Kontraenti iżda rtirat fl-2015. Uffiċjalment, il-gvern Taljan spjega d-deċizzjoni tiegħu billi naqqas l-kostijiet tas-sħubija tiegħu f'organizzazzjonijiet internazzjonali minħabba r-restrizzjonijiet baġitarji.

² Il-Federazzjoni Russa ffirmat it-TKE, iżda ħadet id-deċizzjoni formali li ma tirratifikahx.

Il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tiżgura li l-għanijiet stabbiliti fit-TKE jintlaħqu. Hi tiffaċilita, f'konformità ma dan it-Trattat u l-Protokolli, il-koordinazzjoni tal-miżuri ġenerali għat-twettiq tal-prinċipji tal-Karta.

Kull Parti għandha vot wieħed u l-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija taġixxi b'regoli ta' votazzjoni differenti skont is-suġġett.

Din il-proposta għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tikkonċerna l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għall-atti previsti fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija.

2.2. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni

2.1.1. 2.2.1. Emendar tar-Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija

Fil-laqgħa tas-7 ta' April 2022, il-Kumitat ta' Ġestjoni tat-TKE irrakkomanda lill-Konferenza biex tikkunsidra l-approvazzjoni tal-emendar tar-Regoli ta' Proċedura biex tipprevedi l-irtirar jew is-sospensjoni potenzjali tal-istatus ta' osservatur ta' stat jew organizzazzjoni internazzjonali skont ċerti ċirkostanzi. L-Artikolu 36 ("Votazzjoni") tat-TKE japplika biss għal deċiżjonijiet mogħtija fit-Trattat, filwaqt li l-istatus ta' Osservatur għall-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija huwa parzjalment regolat fir-Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija. Għalhekk, huwa ssuġġerit li tiżdied il-formulazzjoni li ġejja mas-subparagrafu (e) ġdid propost biex jiġi kopert il-każ ta' rtirar jew sospensjoni potenzjali ta' osservatur u jiġu ċċarati r-regoli ta' votazzjoni rispettivi:

III. OSSERVATURI

Regola 7

A. Regoli ġenerali

"[...] (e) Il-Konferenza tista', b'kunsens, tissospendi jew tirtira l-istatus ta' Osservatur ta' pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali f'każ ta'

ksur persistenti jew serju tal-prinċipji tal-Karta Ewropea tal-Enerġija jew tal-Karta Internazzjonali dwar l-Enerġija, skont liema jkun ġie ffirmat minn dak il-pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali, jew

nuqqas persistenti ta' konformità mal-obbligi finanzjarji li jista' jkollha lejn il-Karta Internazzjonali dwar l-Enerġija.

Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, id-deċiżjoni tal-Konferenza taħt dan is-subparagrafu għandha tittieħed b'maġġoranza ta' tliet kwarti tal-Partijiet Kontraenti Preżenti u Votazzjoni fil-laqgħa tal-Konferenza, sa fejn dawn jirrappreżentaw maġġoranza sempliċi tal-Partijiet Kontraenti."

Fis-16 ta' Mejju 2002, il-grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Governanza rrakkomanda li sal-5 ta' Ġunju l-emenda proposta ta' hawn fuq (CC 742) titressaq għall-approvazzjoni tal-Konferenza b'korrispondenza filwaqt li jitqiesu l-konklużjonijiet tal-Kumitat ta' Ġestjoni (Messaġġ 1952)].

Din id-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tadatta r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Kumitat ta' Ġestjoni u l-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Governanza fis-7 ta' April 2022 u s-16 ta' Mejju 2022 rispettivament dwar l-emendar tar-Regola 7 tar-Regoli ta' Proċedura.

Skont it-Taqsima VIII tal-Att Finali tal-Konferenza Ewropea dwar il-Karta tal-Enerġija, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija hija responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar talbiet biex tiġi ffirmata d-dikjarazzjoni politika tal-1991. Id-deċiżjonijiet dwar din il-kwistjoni s'issa ttieħdu b'konsens.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija jenħtieġ li tkun li tiġi kkonfermata l-emenda.

2.1.2. 2.2.2. Irtirar tal-istatus tal-Federazzjoni Russa bħala Osservatur tal-Konferenza

L-UE jenħtieġ li tappoġġa l-irtirar tal-istatus ta' osservatur tal-Federazzjoni Russa abbażi tal-approvazzjoni tar-Regola proċedurali 7 emendata ġġustifikata miż-żewġ raġunijiet tagħha (ksur tal-prinċipji u nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe obbligu finanzjarju).

2.1.3. 2.2.3. Sospensjoni tal-applikazzjoni proviżorja tat-TKE fir-rigward tal-Belarusjsja

Matul il-laqgħat tiegħu tat-28 ta' April u t-2 ta' Ġunju 2022, il-Kumitat ta' Ġestjoni komplad-diskussjoni dwar is-sospensjoni tal-applikazzjoni proviżorja tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE), kif mitlub mill-Ukrajna.

L-azzjoni tal-Belarusjsja li tippermetti lir-Russja tuża t-territorju tagħha biex tiffaċilita l-aggressjoni kontra l-impjanti tal-enerġija nukleari tal-Ukrajna flimkien mal-faċilitajiet tal-ħżin ta' skart radjuattiv tagħha, is-sistema tat-trasport tal-gass, il-minjieri tal-faħam, l-impjanti idroelettriċi u r-raffineriji u d-depożiti taż-żejt tista' titqies bħala ksur materjali ("il-ksur ta' dispożizzjoni essenzjali biex jintlaħaq l-għan jew l-iskop tat-trattat" [l-Artikolu 60.3.b tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati, KVLTI]) tal-Artikoli 3, 7, 18 u 19 tat-TKE.

Il-Partijiet Kontraenti rappreżentati fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija se jiġu mistiedna jiddeċiedu (i) li tiġi sospiż l-applikazzjoni proviżorja tat-TKE fir-rigward tal-Belarusjsja, (ii) li jitolbu lis-Segretarjat tal-Karta tal-Enerġija jinforma formalment lid-Depożitarju u lill-Belarusjsja u (iii) li jiġi sospiż l-istatus ta' Osservatur tal-Belarusjsja.

L-UE jenħtieġ li tappoġġa s-sospensjoni tal-applikazzjoni proviżorja tat-TKE fir-rigward tal-Belarusjsja, u li titlob lis-Segretarjat tal-Karta tal-Enerġija biex jinforma formalment lid-Depożitarju u lill-Belarusjsja. L-UE jenħtieġ li tappoġġa wkoll is-sospensjoni tal-istatus ta' osservatur tal-Belarusjsja.

3. BAŻI ĠURIDIKA

3.1. Bażi ġuridika proċedurali

3.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta’ *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”*³.

3.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija hija korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri t-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

L-atti previsti, li l-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija hija mitluba tadotta, jikkostitwixxu atti b’effetti legali. L-emenda ta’ kwistjonijiet ta’ votazzjoni tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija għandha saħħa vinkolanti tal-anqas fuq l-istituzzjonijiet tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

Barra minn hekk, l-irtirar tal-istatus tal-Federazzjoni Russa bħala Osservatur kif ukoll is-sospensjoni tal-applikazzjoni proviżorja tat-TKE fir-rigward tal-Belarużja għandhom effetti legalment vinkolanti u għalhekk japplikaw għall-Artikolu 218(9) tat-TFUE, minħabba li għandhom influwenza fuq il-kompożizzjoni konkreta tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjonijiet proposti hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

3.2. Baży ġuridika sostantiva

3.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun

³ Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014 fil-kawża C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-Ġermanja vs Il-Kunsill.

imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

3.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti jirrigwardaw l-enerġija.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 194 tat-TFUE.

3.3. Konklużjoni

Il-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 194, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza
Straordinarja tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fl-24 ta' Ġunju 2022**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom u daħal fis-seħħ fl-1998.
- (2) Skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tiżgura li l-oġettivi stabbiliti fit-TKE jintlaħqu. F'konformità ma dan it-Trattat u l-Protokolli, hi tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-miżuri ġenerali xierqa biex jitwettqu l-prinċipji tal-Karta.
- (3) Matul il-laqgħa Straordinarja tagħha tal-24 ta' Ġunju, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija għandha tadotta: (i) l-emendar tar-Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija, (ii) l-irtirar tal-Istatus tal-Federazzjoni Russa bħala Osservatur tal-Konferenza, u (iii) is-sospensjoni tal-applikazzjoni proviżorja tat-TKE fir-rigward tal-Belarussja u s-sospensjoni bħala osservatur għat-TKE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza Straordinarja tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija fl-24 ta' Ġunju 2022 fi Brussell għandha tkun din li ġejja:

li tiġi kkonfermata l-emenda proposta għar-Regola 7.

li jiġi approvat l-irtirar tal-istatus ta' osservatur tal-Federazzjoni Russa abbażi tal-approvazzjoni tar-Regola proċedurali 7 emendata ġġustifikata miż-żewġ raġunijiet tagħha (ksur tal-prinċipji u nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe obbligu finanzjarju).

li tiġi approvata s-sospensjoni tal-applikazzjoni proviżorja tat-TKE fir-rigward tal-istatus tal-Belarussja u s-sospensjoni tal-Belarussja bħala osservatur.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*